**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 19 ta' Jannar 2023

Rikors Numru: 171/2019 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1309/2016)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża:*

1. *Il-partijiet iżżewġu nhar it-3 ta Ġunju, 2016 u dan kif inhu kkonfermat miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti hawn anness u market bħala Dok A;*

2. *Minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifel, E D li twieled nhar is-6 ta' Ottubru, 2016 (ċertifikat tat-twelid hawn anness u market bħala Dok B);*

[1] Fol. 1.

3. *L-intimat rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossbbli permezz ta' inġurji gravi, sevizzi, vjolenza, moħqrija u ħlied ipperpetrati minnhu u dank if ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża kif ukoll minħabba inkompatibilita' ta' karattru. Ineffetti fir-rigward tal-minuri E D dina l-Onorabbli Qorti issospendiet id-dritt ta' aċċess tal-intimat (rikors u digriet hawn annessi u markati bħala DOK Ċ);*

4. *Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-kontendenti naqsu milli jilħqu ftehim dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma seħħx uikament sforz ir-retiċenza assoluta tal-intimat u għaldaqstant jeħtieġ l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir din il-firda personai;*

5. *L-esponenti ġiet debitament awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Mejju, 2019 (bin-numru 1099/19), hawn anness u market bħala D.*

*<u>Raġuni tat-Talbiet:</u>*

1. *Għar-raġunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellix riżultati mixtieqa, l-esponenti ma kella l-ebda għażla għajr illi tipproċedi kontra l-intimat f'din l-istanza.*

*<u>Talbiet:</u>*

*Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaiex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportune:*

1. *Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ odjern, għal dawk ir-raġunijiet indikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u li a bażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;*

2. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u/jew għar-raġunijiet oħra li jistgħu talvolta jirriżultaw fil-kors tal-kawża;*

3. *Tistabbilixxi d-data meta l-intimat għandu jiġi kkonsidrat li kkaġunat il-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontrih l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendeti u tillikwida l-istess komunjoni, tenut kont kemm tal-attiv kif ukoll tal-passiv konsistenti l-istess;*

5. *Tillikwida ukoll kull kreditu tal-istanti versu l-komunjoni tal-akkwisti u l-intmat sabiex sussegwentament tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jaffetwaw kull likwidazzjoni meħtieġa u jipproponupjan ta' diviżjoni;*

6. *Tassenja l-istess porzjonijiet waħda lil kull parti;*

7. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat kien u għadu f'obbligu illi jħallas sehemha u ċioe' nofs mill-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti; tordnalu konsegwentament tirrifondi lill-istanti kull las imwettaq minnu akkont ta' sehem l-intimat mill-passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti;*

8. *Tikkundanna lill-intimat sabiex, fi zmien qasir u perentorju li tiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jikkonsenja lir-rikorrenti l-oġġetti kollha dodtali u parafernali tagħha, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess intimat iħallas il-valur tal-istess, bl-opra okkorrendo ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli neċessarji f'dan ir-rigward;*

9. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti għanda tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri E D u dan fl-interess suprem tiegħu;*

10. *Tordna illi l-minuri jibqa' jirrisjedi permanentement flimkien mar-rikorrenti;*

11. *Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimat versu l-ħtiġijiet tal-minuri, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimat versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri u tordna lill-istess intimat iħallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Qorti jidrilha xieraq u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fil-għoli tal-ħajja;*

12. *Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhirlix illi għandha tilqa' it-tnax-il talba, in kwantu din tikkonċerna l-inklużjonijiet tal-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri fis-somma illi din l-Onorabbli Qorti qiegħda tintalab tistabbilixxi skont it-talba preċedenti, tordna lill-intimat jikkontribwixxi separatament versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-*

*attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u tordna lill-istess intimat iħallas tai kontribuzzjonijiet skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;*

13. *Tawtorizza lill-attriċi sabiex tibda tipperċepixxi tali mantenient direttament mill-paga tal-intimat jew minn xi dipartiment jew awtorita' li mingħandha jkun qed jirċievi xi forma ta' introjtu u/jew benefiċċju;*

14. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi kwalunkwe assistenza statali mħallsa versu l-ħtiġijiet tal-minuri tibda tiġi perċepita mir-rikorrenti ad esklużjoni tal-intimat;*

15. *Tordna li d-deċiżjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni, passaport u safar jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti;*

16. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv u mingħajr ebda forma ta' kunsens jew awtorizzazzjoni jew firma da parti l-intimat tiffirma u tapplika għall-ħruġ ta' passaport għall-minuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi minkejja l-konvenut ġie debitament notifikat nhar it-30 ta' Ġunju 2020,[2] huwa naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu entro t-terminu stabbilit ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr H Gauci,[3] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar il-5 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lill-konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[4]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi,[5] u kif ukoll tal-konvenut;[6]

---

[2] Fol. 37a.
[3] Li ġiet maħtura għal tali fini nhar it-3 ta' Novembru 2020, a fol. 39.
[4] Fol. 390.
[5] Fol. 391.
[6] Fol. 401.

Rat ir-rikors tal-attriċi datat 20 ta' Lulju 2022, fejn talbet il-konverżjoni tat-talba ta' separazzjoni personali f'divorzju;

Rat in-nota tal-attriċi tad-9 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema irtirat r-rikors surreferit rigward id-divorzju;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[7]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

*In primis* il-Qorti tissottolineja illi minkejja li ċertu atti ġew ppreżentati fil-lingwa Ingliża, kif ukoll kien hemm xi seduti li kienu miżmuma bil-lingwa Maltija u oħrajn bil-lingwa Ingliża, din is-sentenza qiegħda tingħata fil-lingwa Maltija stante illi fil-proċeduri odjerni qatt ma saret talba formali lil din il-Qorti sabiex il-proċeduri jissoktaw fil-lingwa Ingliża.

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C D ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll tistabbilixxi dik id-data li fiha l-konvenut ġie kkunsidrat li kkaġuna tali firda;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, l-aċċess, ir-residenza u l-manteniment għall-minuri E D, u kif ukoll is-setgħa tal-ġenitur;

[7] Fol. 423.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida u tassenja l-assi u l-krediti dotali u parafernali tal-attriċi.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut għalkemm ma ppreżentax ir-risposta ġuramentata tiegħu u lanqas ma ressaq talba għall-ġustifikazzjoni tal-istat ta' kontumaċja li jinsab fiha, huwa xorta waħda ressaq nota ta' sottomissjonijiet skont id-dritt tiegħu ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:*

Permezz tal-affidavit tagħha,[8] l-attriċi tispjega li hi saret taf lil konvenut għal ħabta ta' tas-sena 2013/2014 fejn kienet iżomm kuntatt miegħu tramite pjattaformi soċjali hekk kif il-konvent kien jgħix ġewwa l-Libja u ċ-Ċina għal xi żmien, sakemm konsegwentament ġie Malta fl-2015. Tispjega illi qabel ma ġie Malta, l-attriċi kienet irranġatlu sabiex jiltaqa' u jitkellem ma' xi nies sabiex ikunu jistgħu jgħinuh jirrisjedi ġewwa Malta. Mal-wasla tiegħu Malta, kienet l-attriċi li marret għalih l-ajruport u għinitu b'dak kollu li kellu bżonn. Hekk kif wasal Malta, il-konvenut sab impjieg u beda jaħdem ħinijiet twal, u fil-ħin liberu tiegħu, huwa kien iqattgħu mal-attriċi, fejn dawn kienu jitkellmu u jippjanaw il-futur tagħhom. Għalhekk, l-attriċi tgħid li kienet ħossha miġbuda lejh, anke minħabba d-determinazzjoni li huwa kellu li jirnexxi fil-ħajja u kif ukoll il-volonta' li jkollu familja tiegħu. Il-konvenut kien jitratta lill-attriċi bħal prinċipessa u jittrattaha mill-aħjar possibbli. Għaldaqstant, il-partijiet iżżewġu ġewwa Malta, l-ewwel bir-rit Iżlamiku fil-bidu ta' Jannar 2016 u konsegwentament biċ-ċivil nhar it-3 ta' Ġunju 2016, fejn ukoll bdew jgħixu flimkien f'appartament li krew ġewwa l-Qawra.

Wara li l-partijiet iżżewġu, l-attriċi tgħid li l-konvenut beda jinbidel bil-mod il-mod. Il-ħin tiegħu magħha spiċċa, tant li tisħaq li wara ġimgħa li żżewġu ma baqgħatx tant importanti għalih, hekk kif minnflok beda jqatta' iktar ħin ma' sħabu u inqas ħin magħha u d-dar, filwaqt li beda t-triq il-ħażina li kienet tinvolvi alcohol, abbuż minn sustanzi illegali u *parties*. L-attriċi skopriet li kienet tqila bit-tarbija tagħhom madwar xahar wara li żżewġu bir-rit Iżlamiku, matul liema perjodu l-attriċi kienet għadha qiegħda tistudja għall-PhD. Għaldaqstant ma' tali skoperta' l-attriċi kienet ferm beżgħana għaliex ħasbet li f'tali pożizzjoni ma kienetx ser tkun tista' tlesti l-kors tagħha, u barra minn hekk kienet ukoll beżgħana illi ma kienx ser jirnexxielhom ikampaw finanzjarjament stante li huma dejjem kienu jiddependu fuq l-introjtu tagħha. Min-naħa

---

[8] Fol. 180.

l-oħra, il-konvenut kien ferħan bit-tqala tal-attriċi, u kien hemm mumenti li kien ta' sapport għall-attriċi iżda maż-żmien dawn il-mumenti dejjem bdew ikunu skarsi. Fil-fatt l-attriċi tagħti rendikont tal-problemi kollha li bdiet tiffaċċja fiż-żwieġ:

a. Il-btali lejn barra minn xtutna bdew isiru iktar frekwenti;
b. Ix-xogħol tad-dar kienet tagħmlu kollu waħedha;
c. Kienet tieħu ħsieb ukoll il-finanzi tal-familja waħedha;
d. Ma kienetx tista' tispjega lil żewġha dwar kif kienet tħossha għaliex kien jirrabja;
e. Kien hemm żmien fl-aħħar tlett (3) xhur tat-tqala illi kienet beżgħana mill-konvenut tant li kienet marret għand il-ġenituri tagħha;
f. Ġlied kontinwu bejn l-partijiet, fejn f'ċertu istanzi l-konvenut kien isabbat, ikisser, jerfa' jdejh, u/jew jitlaq mid-dar u jagħmel lejl barra – fejn kien hemm drabi li kisser *laptop, helmet* tal-mutur, u *mobile phone*;
g. Mat-twelid tal-minuri kienet tieħu ħsieb lil minuri u d-dar matrimonjali waħedha, filwaqt li żewġha kien jaħdem *part-time,* jiekol, jorqod f'kamra separata, u joħroġ ma' sħabu;
h. Is-sitwazzjoni finanzjarja kienet dejjem sejra għall-agħar, hekk kif l-istipendju tagħha mill-kors tal-PhD waqaf u l-konvenut ma baqgħax jaħdem, tant li tispjega li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament għajr għal ħlas ta' nofs il-kirja tar-residenza tagħhom;
i. Trawma li għaddiet minhha minħabba li kellha tirritorna lura għax-xogħol wara erba' (4) xhur mit-twelid tal-minuri, filwaqt li l-konvenut qatt ma sab impjieg hekk kif skont hu l-problema setgħu isolvuha jekk imorru jgħixu l-Libja;
j. Sakemm l-attriċi lestiet il-kors tal-PhD, hija marret toqgħod mal-ġenituri tagħha flimkien mal-minuri, filwaqt li l-konvenut mar jgħix għand xi ħbieb stante li l-ġenituri tal-attriċi ma aċċettawhx ġewwa darhom;
k. Maż-żmien il-konvenut kien jisforza lill-attriċi sabiex tagħmel ċertu affarijiet kif ried hu skont il-kultura li trabba fiha, bħal tibqa' d-dar tieħu ħsieb il-familja, bla ħajja, bla opinjoni, bla ma titkellem jew tgħid dak li taħseb, u bla ħbieb, filwaqt li huwa joħroġ u jagħmel li jrid, u għalhekk kien qiegħed jinqala' iktar ġlied għaliex l-attriċi kienet tirreżisti tali pressjoni fuqha;

Magħdud ma' dan, l-attriċi tagħti rendikont ta' diversi istanzi fejn il-konvenut kien vjolenti, kemm Malta kif ukoll il-Libja, tant li kien hemm drabi anke fejn l-attriċi rrapportat lill-konvenut lill-Pulizija. L-attriċi ssemmi b'mod partikolari l-ewwel darba fejn irrappurtat lil żewġha lil Pulizija, u li wara tali episodju fl-2017 hija kien għad fadlilha ftit fiduċja fih filwaqt li kienet saret tibża' minnu tant li kienet tqis kull kelma li tgħidlu sabiex ma tinfurjahx. Madanakollu wara tali episodju u ftit tax-xhur wara, l-attriċi ddeċiediet li tagħti lil żewġha l-aħħar ċans u bdew jgħixu flimkien mill-ġdid f'Awwissu 2018, bil-patt u l-kundizzjoni li jsib xogħol fuq bażi *full-time,* jikkontrolla r-rabja tiegħu u jnaqqas il-ħin tiegħu minn ma' sħabu filgħaxijiet.

Madanakollu l-istess problemi reġgħu bdew wara biss ġimgħatejn flimkien, u l-ġlied kompla jigrava hekk kif l-konvenut beda jirrealizza li l-attriċi ma kienetx tafdah ma' binhom. Għalhekk wara xahar u nofs, l-attriċi kienet tal-fehma illi l-affarijiet ma nbidux, ma kienetx tħossha fis-sigur ma' żewġha, u dejjem bil-ġlied. Kien proprju f'nofs Settembru 2018 li l-attriċi marret tgħix bit-tifel għand il-ġenituri tagħha. Minħabba tali azzjoni da parti l-attriċi, l-attitudni tal-konvenut iggravat fil-konfront tal-attriċi. F'tali żmien, il-partijiet ftehmu li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa sabiex il-konvenut ikun jista' jqatta' sagħtejn mal-minuri fil-preżenza tal-attriċi. L-episodji ta' aggressjoni u vjolenza ma naqsux, u dan anke jekk nelfrattemp, il-konvenut beda jkollu anke l-ħsibijiet li jitlaq minn Malta u għalhekk l-attriċi riedet li qabel ma jagħmel dan il-pass jifthemu dar is-separazzjoni tagħhom, kif ukoll il-kura u kustodja tal-minuri. Konsegwentment jingħad li l-konvenut kien għamel il-ħsieb li jitlaq minn Malta u jmur il-Kanada, u xtaq illi jiltaqa' tal-aħħar mal-attriċi waħedha. L-attriċi aċċettat li tiltaqa' miegħu, fejn konsegwentament spiċċa biex abbuża sesswalment mill-attriċi u tressaq il-Qorti.

Sabiex tissostanzja l-verżjoni tagħha rigward it-tkissir taż-żwieġ, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. *L-Affidavit ta' F B, ossija ħu l-attriċi, maħluf nhar id-29 ta' April 2021 u ppreżentat nhar it-13 ta' Mejju 2021,*[9] li jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi;

2. *L-Affidavit ta' G B, ossija missier l-attriċi, maħluf nhar id-29 ta' April 2021 u ppreżentat nhar it-13 ta' Mejju 2021,*[10] li jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi;

3. *L-Affidavit ta' H B, ossija omm l-attriċi, maħluf nhar id-29 ta' April 2021 u ppreżentat nhar it-13 ta' Mejju 2021,*[11] li tikkonferma l-verżjoni attriċi;

4. *L-Affidavit ta' I J, ossija ħabiba tal-attriċi, maħluf nhar is-7 ta' Diċembru 2021 u ppreżentat nhar id-9 ta' Diċembru 2021,*[12] li tikkonferma l-verżjoni attriċi;

5. *Ix-xhieda ta' Sarah Micallef bħala Social Worker fi ħdan id-Domestic Violence Unit fl-Aġenzija Appoġġ,*[13] li kienet isegwi l-każ tal-attriċi għal perjodu bejn it-30 ta' Jannar 2019 u t-18 ta' Frar 2020. Tispjega li l-attriċi kienet riferuta għand l-Aġenzija tad-*Domestic Violence Unit* minngħand *Support Malta* minħabba allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika pperpetrata minn żewġha, li minħabba l-istess allegazzjonijiet li seħħew matul il-ħajja tagħha miżżewġa hija ddeċediet li

[9] Fol. 201.
[10] Fol. 203.
[11] Fol. 204.
[12] Fol. 322.
[13] Fol. 305.

tibda l-proċeduri għal separazzjoni personali. Skont l-attriċi, il-konvenut kien jabbużaha fiżikament, emozzjonalment u anke' sesswalment, hekk kif żewġha kellu t-tendenza illi jkun aggressiv magħha u jitlef il-kontroll. Is-*social worker* tgħid illi l-attriċi saħqet magħha illi kienet ikkontrollata minn żewġha, kien jiżolaha minn dawk viċin tagħha tant li minħabba fih ma kienetx tkun tista' tiltaqa' ma' sħabha. L-attriċi kienet iddeskriviet lil żewġha bħala persuna għajjura, dejjem iċemplilha biex jara fejn qiegħda, u li ta' sikwit kien jakkużaha li kienet infidila lejh, tant li darba minnhom il-konvenut kien aggredixxa kollega tal-attriċi għaliex kellu suspett illi l-attriċi kellha relazzjoni miegħu. Magħdud ma' dan, is-*social worker* tgħid illi l-attriċi stqarret magħha li kemm tlett (3) istanzi fejn l-attriċi kienet imġiegħla jkollha sess anali kontra l-volonta' tagħha.

Is-*social worker* tikkonferma illi l-biża' li kellha l-attriċi minn żewġha setgħet tiperċepixxiha mil-laqgħat li kellha magħha, kif setgħat ukoll tipperċepixxi s-sensazzjoni li l-attriċi kienet tħossha intimidata minn żewġha. Tispjega ukoll li l-attriċi kienet mħasba dwar binha, u li kienet qiegħda tiġġieled sabiex tkun vestita bil-kura u kustodja ta' binha, b'dana illi żewġha *se mai* ikollu aċċess superviżjonat u dan tenut kont illi binha ma' kellux relazzjoni b'saħħitha ma' missieru hekk kif dan tal-aħħar ftit li xejn kien iqatta' ħin ma' ibnu u kien ukoll isuq b'mod traskurat anke meta' kien ikollu l-minuri miegħu. Is-*social worker* tikkonferma ukoll illi l-attriċi kienet qiegħda tirċievi għajnuna minngħand *the Victim Support Malta* u li kienet ilha tirċievi għajnuna psikoloġika għal madwar sitt (6) snin;

6. *Ix-xhieda ta' Karl Grech in rappreżentanza ta' Victim Support Unit Malta*,[14] li ddikjara illi l-ewwel darba li ltaqa' mal-attriċi kien nhar il-10 ta' Diċembru 2018, fejn l-attriċi ġiet mistiedna sabiex tagħmel *victim impact statement* fejn jiġi dikjarat dak li għaddiet minnu l-vittma – liema rapport ġie ppreżentat.[15]

   Fil-fehema tax-xhud *"there is serious issues of domestic violence from the facts given by A. Domestic vilence, why? Because it is persistent over a span of time, and there is definitely power and control issues from what A has mentioned. She mentioned both psychological and physical forms of violence"*;[16]

7. *L-Affidavit ta' Helen Attard Micallef, ossija Clinical Psychologist and Systematic Family Psychotherapist tal-attriċi, debitament maħluf nhar is-26 ta' April 2022 u ppreżentat nhar it-3 ta' Mejju 2022*,[17] li tikkonferma li ilha taf lill-attriċi għal għaxar (10) snin, u li hija koxxenti tal-esperjenzi passati tal-attriċi. Tispjega illi l-attriċi *"invests a lot of therapeutic space to learn how to best provide ongoing*

[14] Fol. 317.
[15] Fol. 298.
[16] Fol. 318.
[17] Fol. 368.

*support to her son, due to the various marital challenges that this family had to subdue"*. Tikkonkludi billi tisħaq illi *"All her journey reflects a courageous stance and openness to on-going growth and development, which gives witness to her qualities as a person and most of all as a reliable and dedicated mother, which I hoped to give witness in this affidavit*". Fl-affidavit ġew annessi numru ta' dokumenti li diġa' jinsabu fl-atti, *inter alia* rikors, digrieti, ittri, *victim impact statement* tal-attriċi;

8. *Ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali,*[18] fejn ippreżentat is-segwenti:

   a. Kopja tal-ordni ta' protezzjoni għal tlett (3) snin kontra l-konvenut datata 27 ta' Diċembru 2018 maħruġa mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella;[19]

   b. Ittri miktuba mill-konvenut lil-attriċi waqt li kien ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin,[20] fejn f'waħda mill-ittri l-konvenut jistqarr *"Sweetheart, I am sorry for whatever I have done wrong to you, I was stupid and foolish, I never been a good husband and father, I wish if you can find a way in your heart to forgive me"*;[21]

   c. Relazzjoni ta' Dr Jonathan Joslin li ġie ppreżentat fl-atti ta' inkjesta dwar il-ġrieħi li ġarbet A B nhar l-24 ta' Diċembru 2018, liema inkjesta kienet miżmuma mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella;[22]

   d. Rapport mediku ta' Dr Helga Consiglio datat 26 ta' Diċembru 2018;[23]

9. *Ix-xhieda ta' Rachel McKay (PC2080) in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija,*[24] li ppreżentata numru ta' rapporti magħmula mill-attriċi kontra żewġha l-konvenut:

   a. *Rapport datat l-1 ta' Ottubru 2017,*[25] rigward episodju li seħħ dakinhar stess, fejn l-attriċi rrapportat telefonikament illi hi u żewġha kellhom argument, fejn hi sfat aggredita u kienet qed tibża' toħroġ mid-dar. Spjegat illi waqt dan l-argument hija għażlet li ttemm ir-relazzjoni tagħha ma' żewġha, u keċċietu

[18] Fol. 342, 388.
[19] Fol. 34 – 344.
[20] Fol. 346 – 350.
[21] Fol. 349.
[22] Fol. 351.
[23] Fol. 365.
[24] Fol. 163, 221, 239.
[25] Fol. 231.

mir-residenza ta' ommha fejn kienu joqgħodu. Waqt l-argument huwa qalilha li jrid it-tifel u spiċċa sabiex kien fiżikament vjolenti magħha. Kien proprju għalhekk illi qabdet it-tifel, u ssakkret f'kamra. Tggħid ukoll li qabel ma' ġew il-Pulizija, żewġha kien qalilha fuq il-*mobile* illi min iwaqfu milli jara t-tifel huwa lest li joqtlu. Waqt l-argument kien hemm preżenti omm l-attriċi u ntervjeniet fl-imsemmi argument, u ftit tal-ħin wara wasal ukoll id-dar missier l-attriċi fejn sab lil martu u l-konvenut jilletikaw, fejn dan tal-aħħar kellu sikkina f'idejh. Jidher illi nhar it-3 ta' Novembru 2017, il-konvenut instab ħati;

b. *Rapport datat 18 ta' Novembru 2018,*[26] rigward episodju li seħħ dakinhar stess, fejn l-attriċi talbet l-għajnuna tal-Pulizija ġewwa tas-Sliema għaliex ġiet attakkata minn żewġha. L-attriċi spjegat illi ili qablet li tiltaqa' ma' żewġha tas-Sliema, hekk kif f'daqqa waħda huma u kienu mexjin bit-tifel tagħhom, huwa beda jsaqsiha għaliex telqitu u beda jakkużaha illi kellha relazzjoni extra-matrimonjali, u spiċċa sabiex imbuttaha quddiem in-nies. Stqarret mal-Pulizija li kienet tibża' minn żewġha. Il-konvenut nnega dan kollu, iżda ammetta li saqsiha għaliex kienet telqitu

c. *Rapport datat 23 ta' Novembru 2018,*[27] rigward episodju li seħħ dakinhar stess, fejn l-attriċi rrapportat flimkien ma' ċertu L M fil-kapaċita' tiegħu ta' *administration support manager* ġewwa l-MCAST, li dakinhar stess daħal ġewwa l-MCAST mingħajr il-permess tiegħu r-raġel tal-attriċi li dak iż-żmien kienet impjegata l-MCAST stess. Jingħad li r-raġel tal-attriċi mhux l-ewwel darba li ġie hemmhekk biex jipprova jkellem lil martu. L-attriċi kkonfermat l-istes, u dakinhar meta ndunat li kien reġa' ġie hija marret tistaħba. Meta l-konvenut ġie mitkelem mill-Pulizija, huwa spjega illi mar ikellem lil martu fuq il-post tax-xogħol tagħha minħabba binhom sabiex jarah imqar darba fil-ġimgħa;

d. *Rapport datat 27 ta' Diċembru 2018,*[28] rigward episodju li seħħ nhar l-24 ta' Diċembru 2018, fejn l-attriċi rrapportat flimkien ma' I J fil-kapaċita' tagħha ta' *Head of the Sexual Assault Response Team,* illi hija waqfet ir-relazzjoni tagħha ma' żewġha f'Settembru 2018, iżda għal ħabta ta' Diċembru żewġha beda jsaqsiha sabiex jiltaqħu sabiex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom minħabba binhom. Għalhekk iltaqgħu nhar l-24 ta' Diċembru 2018 tas-Sliema fejn hija xorbot tazza inbid u hu l-bqija tal-flixkun. Hija nfurmatu li għal ħabta

---

26 Fol. 226.
27 Fol. 222.
28 Fol. 228.

tad-9.30 ta' filgħaxija hija kellha titlaq għaliex kellha pjanijiet ma' ħabiba tagħha. Qabel ma telqet hija aċċettat li tmur fir-residenza tiegħu għaliex huwa qalilha li kellu rigal għaliha. Waqt li kienu fir-residenza ta' żewġha, il-partijiet resqu lejn xulxin fiżikament, iżda għalkemm l-attriċi tgħid li din ma kienetx idea tajba u riedet tmur id-dar, huwa sforzaha jkollha x'taqsam miegħu sesswalment. Wara li talbitu diversi drabi sabiex jieqaf, huwa fl-aħħar waqaf u skuża ruħu. Appena żewħha mar fil-kamra tal-banju, hija libset u telqet tiġri mir-residenza tiegħu;

e. *Rapport datat 21 ta' Novembru 2019,*[29] rigward episodju li seħħ bejn it-2 ta' April 2019 u l-21 ta' Novembru 2019, fejn l-attriċi rrapportat li l-konvenut qatt ma pprovda manteniment għal binhom minuri skont digriet datat 2 ta' April 2019. Il-konvenut meta kkonfrontata ikkonferma li jinsab ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u kien ilu ma jaħdem għal madwar sena;

f. *Rapport datat 30 ta' Lulju 2020,*[30] rigward episodju li seħħ bejn l-1 ta' Diċembru 2019 sat-30 ta' Lulju 2020, fejn l-attriċi rrapportat li l-konvenut ma ħallasx manteniment minn Diċembru 2019 sa Lulju 2020 skont digriet datat 2 ta' April 2019;

g. *Rapport datat 13 ta' Novembru 2020,*[31] rigward episodju li seħħ bejn il-21 ta' Lulju 2020 sat-13 ta' Ottubru 2020, fejn l-attriċi rrapportat li l-konvenut ma ħallasx manteniment mill-21 ta' Lulju 2020 sas-9 ta' Novembru 2020 skont digriet datat 2 ta' April 2019.

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi:*

Il-Qorti tara illi l-konvenut huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern. Madanakollu, il-konvenut ressaq nota ta' sottomissjonijiet fejn saħaq illi: *"it would be unjust for the defendant to be held responsible for the breakdown of the marriage on the grounds of excesses, cruelty, threats and grievous injury and this due to the fact that it was the applicant herself who intentionally pushed the marriage to its breaking point and this to conveniently remove the defendant from her life and from the life the minor E".*[32] Il-konvenut jgħid illi r-relazzjoni tal-partijiet ġiet terminata f'Settembru 2018, u li fil-proċeduri **Repubblika ta' Malta vs C D**, l-attriċi ammettiet illi hija kellha relazzjoni extra-matrimonjali. Huwa jiġġustifika ukoll il-pożizzjoni tiegħu fejn jgħid illi l-attriċi

[29] Fol. 170.
[30] Fol. 174.
[31] Fol. 177.
[32] Fol. 401.

ma resqet l-ebda prova sabiex tikkorrabora dak allegat minnha u ċjoe' li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament, jew li kien iqatta' l-iljieli tiegħu ma' sħabu.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[33] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[34] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[35] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' *<u>moħqrija</u>*, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' *<u>inġurji u offizi gravi</u>* li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil *<u>eċċessi</u>*, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema*

[33]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[34]Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[35]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' *theddid u vjolenza*, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[36] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne J pro. et noe. vs. Jesmond J**,[37] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[38]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[39]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser minħabba vjolenza, moħqrija u nġurji gravi da parti l-konvenut.

Il-Qorti tibda sabiex tirribadixxi illi l-vjolenza domestika hija definita bħala *"kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika".*[40]

Il-konvenut jissottometti illi *"the plaintiff was a victim of abuse, however, not from the defendant",*[41] u jispjega illi l-attriċi kienet f'relazzjoni abusiva oħra u huwa proprju għalhekk illi kienet tiffrekwenta psikoloġista b'mod frekwenti. Madanakollu, minkejja

[36]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[37]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[38]**Genoveffa Magri vs. G Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[39]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[40] Artikolu 2 tal-Kapitolu 518 (Att dwar il-Vjolenza abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika).
[41] Fol. 413.

li mix-xhieda ta' Helen Attard Micallef jidher li l-attriċi ilha tużha s-servizzi tagħha sa mill-2012 u ċjoe' sa minn qabel ma ltaqgħat mal-konvenut, il-Qorti ma tarax illi dan b'xi mod għandu jistabbilixxi li ma kien hemm l-ebda abbuż pperpetrat mill-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi. Fil-fatt il-Qorti tara li fil-każ odjern l-attriċi rnexxielha tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut huwa kemm aggressiv kif ukoll vjolenti tant li hija moralment konvinta li l-attriċi sfat vittma ta' vjolenza domestika. Il-Qorti tara li dan ġie kkorraborat permezz ta' diversi xhieda u affidavits ta' qraba, ħbieb u professjonisti fil-qasam. Il-Qorti hija tal-umli fehma li fil-każ odjern għandha tagħti piż probatorju lix-xhieda ta' Sarah Micallef bħala *social worker* fi ħdan id-*Domestic Violence* Unit, kif ukoll ta' Karl Grech mill-*Victim Support Unit Malta* – li t-tnejn ikkonfermaw dan. Barra minn hekk il-Qorti tara ukoll ir-rapporti tal-Pulizija li ġew ippreżentati, kif ukoll ir-rapporti tat-tobba li ġew ippreżentati fl-inkjesta rigward il-ġrieħi li ġarbet A B nhar l-24 ta' Diċembru 2018. Dawn il-provi jikkonfermaw illi l-vjolenza pperpetrata kienet ripettitiva u kostanti, u mhux xi att singolari u iżolat. Madanakollu l-Qorti tissottolineja illi l-vjolenża li sofriet minnha l-attriċi ma kienetx limitata biss għal dik fiżika, iżda ukoll emozzjonali u sesswali.

Magħdud mal-premess, il-Qorti kkunsidrat ukoll li kien il-konvenut stess li kkonferma bi kliemu stess f'ittra miktuba minnu lil-attriċi waqt li kien jinsab ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin,[42] illi *"(...) I am sorry for whatever I have done wrong to you, I was stupid and foolish,* ***I never been a good husband and father****, I wish if you can find a way in your heart to forgive me"*[43] (enfasi ta' din il-Qorti). Pero' tajjeb li jiġi sottolinejat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u f'dan ir-rigward, il-konvenut jispjega illi *"(he) felt the need to apologise given that he thought he was a bad husband and a bad father due to the fact that he was working hard to provide for his family and he did not give enough attention to his wife however he now realised that this is not a matter to feel sorry for and this is because he was doing all that was necessary to provide for his family and to be a good father and husband".*[44]

Il-Qorti ma temminx li tali kliem inkitbu fil-kuntest li qiegħed jivvanta l-konvenut f'dan l-istadju, anzi f'għajnejn il-Qorti, jekk xejn, tali kliem jammontaw għal ammissjoni tal-komportament ħażin tal-konvenut matul il-ħajja miżżewġa, liema ammissjoni da parti tal-konvenut tkompli tikkonferma illi huwa koxxenti tal-aġir tiegħu mal-attriċi, u nonostante dan huwa xorta waħda baqa' jikkomporta ruħu bl-istess mod. Kif drabi oħra ritenut, meta teżisti ammissjoni huwa *"bizzejjed biex il-process jinghalaq"*,[45] għalhekk in vista ta' tali ammissjoni huwa biżżejjed għal Qorti biex tifhem illi l-attriċi sfat vittma

[42] Fol. 346 – 350.
[43] Fol. 349.
[44] Fol. 413.
[45] *Vide* s-sentenza l-ismijiet **Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 1970.

ta' vjolenza domestika, u kif ukoll li l-istess karattru tal-konvenut serva ta' moħqrija u nġurji gravi fuq il-persuna tal-attriċi.

Finalment, il-Qorti ma tarax illi l-attriċi kkontribwixxiet sabiex iż-żwieġ jitkisser. Kien il-konvenut li kisser tali żwieġ bil-komportament tiegħu, u anke jekk huwa jagħti indikazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-attriċi kellha u/jew għad għandha relazzjoni extra-matrimonjali, huwa Illizzat illi ż-żwieġ tkisser primarjament minħabba l-aġir vjolenti, l-attitudni possessiva u l-element tal- għira da parti l-konvenut – liema żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli nhar l-1 ta Ottubru 2017 meta seħħ dak l-argument fejn l-attriċi ddeċediet li ttemm għall-ewwel darba r-relazzjoni tagħha ma' żewġha.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati ta' vjolenza, moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' martu, b'dana illi kkonfermat illi l-konvenut kisser iż-żwieġ tal-partijiet proprju nhar l-1 ta' Ottubru 2017.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba vjolenza, moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' martu. Il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, u l-komportament in ġenerali tal-konvenut matul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi, hija ser tgħaddi sabiex tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut, inkluż li bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment minn għand l-attriċi.

**4. Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:**

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieled tifel, bl-isem ta' E D, nhar is-6 ta' Ottubru 2016.[46] Dan ifisser illi fil-preżent, il-minuri għandu sitt (6) snin, u b'hekk huwa minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri turi li l-kura u kustodja tal-minuri, u kif ukoll is-setgħa tal-ġenitur, ġew regolati permezz ta' żewġ digrieti datati 2 ta' April 2019 u 29 ta'Ottubru 2020, rispettivament, fejn il-Qorti ordnat illi:

a. Il-kura u kustodja tal-minuri ġiet fdata esklussivament f'idejn l-attriċi;
b. Id-dritt tal-aċċess tal-konvenut għal minuri ġie sospiż;
c. Il-konvenut għandu jissoministra manteniment fis-somma ta' €220 kull erba' (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni;
d. L-attriċi tieħu kull deċiżjoni rigward l-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;
e. L-attriċi ssiefer ġewwa l-iSvezja għal xogħol, u li tiffirma kwalsiasi applikazzjoni għal ħruġ ta' passaport tal-minuri mingħajr il-kunsens jew awtorizzazzjoni tal-konvenut.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[47] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[48] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

[46] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid, a fol. 8.
[47] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[48] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[49] u **H sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[50] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs M Caruana**,[51] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[52] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-

[49]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[50]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[51]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[52]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri fil-preżent ġiet fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, fejn ukoll ingħata id-dritt li tieħu kwalsiasi deċiżjoni fir-rigward tal-minuri.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tispjega illi: *"Following E's birth, a lot of commotion followed with C. I was struggling significantly*

*in the beginning as I was completely alone to handle E and the house. C used to work part time, come home, eat, sleep in a separate bedroom and go out with his friends till the early hours. (...) It became great effort from my part as C never appeared to be interested in E".* Tgħid ukoll illi *"Throughout the marriage and after, C never participated in the upbringing of E nor the day-to-day activities. He very rarely spent time with usif alone and therefore was incapable of taking care of him, feeding him, changing his nappy or even putting him to sleep".*[53] Għalhekk fil-fehma tal-attriċi, ikun għaqli li fis-sitwazzjoni u fl-aħjar interess tal-minuri, hija tibqa' vesitita bil-kura u kustodja tal-minuri. Sabiex tikkorrabora l-pretensjoni tagħha, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tagħmel referenza għar-rapport tas-*social worker* Naomi Bellotti tal-14 ta' Settembru 2020 – fejn ġie konkluż illi *"it seems that the mother has the child's best interst at heart and has considered her decision to relocate in Sweden thoroughly. The mother has shown that she felt a victim of abuse in the relationship and this experience does not make her safe in the father's presence".*

Min-naħa l-oħra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jgħid illi *"the defendant always shared a special bond with the minor E"*, u *"the defendant feels that this humble of submission, which has been the only chance for the defendant to show this Honourable Court, not only the wish, but the willingness to be present and part of the minor's life however this Honourable Court thinks it wuld be deem to do so even through gradual access which will increase over time".*[54] Barra minn hekk jisħaq ukoll illi *"the defendant was unable to provide maintenance for the minor E and this due to the fact that he spent three years at Corradino Correctional Facilit following A B's report of rape, a charge of which the defendant has been acquitted of on the 9th July 2021; (...) That the defendant is now working again and trying to get back on his feet following the unnecessary time spent at Corradino Correctional Facility whereby he is doing all possible to provide once more as he always has, for the minor E".*[55]

Mill-atti tal-kawża jirriżulta Illizat li l-attriċi dejjem kienet hi li tieħu ħsieb lill-minuri, u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha sa minn meta l-partijiet ma baqgħux jgħixu flimkien. Dan jinsab ikkorraborat permezz tar-rapport tas-*social worker* Naomi Bellotti. Jirriżulta ukoll illi min meta l-partijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom, il-partijiet kellhom ftehim bejniethom illi l-konvenut jara lil ibnu fil-preżenza tal-attriċi għal sagħtejn darba fil-ġimgħa, liema aċċess ma baqgħax jiġi eżerċitat appena huwa spiċċa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, hekk kif huwa ma kienx tal-idea li jara lil ibnu u jibni relazzjoni miegħu f'tali ambjent.

---

[53] Fol. 196.
[54] Fol. 413.
[55] Fol. 414.

Fil-preżent il-minuri jinsab jirrisjedi ma' ommu ġewwa l-iSvezja, fejn kwalsiasi deċiżjoni qiegħda tiġi mehuda minn ommu b'mod esklussiv, u l-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-minuri daħal f'rutina. Il-Qorti rat in-nota datata 12 ta' Jannar 2022,[56] fejn l-attriċi ppreżentat dokument li jistabbilixxi li l-minuri jinsab miktub fi *preschool* ġewwa l-iSvezja,[57] u rapport dwar l-andament tiegħu ġewwa l-imsemmija skola li huwa wieħed pożittiv għall-aħħar.[58] Min-naħa l-oħra, il-Qorti tinsab konvinta li l-konvenut jaf illi huwa ma kienx ta' eżempju għal ibnu u għalhekk huwa fid-dover tagħha li tissalvagwardja l-interessi tal-minuri sakemm tkun konvinta li l-missier biddel għemilu, bi provi konkreti u mhux bil-kliem biss. Barra minn hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jikkonferma li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-kura u kustodja tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi.[59]

Għaldaqstant tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-Qorti tara li l-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi. Dan konsegwentament ifisser illi l-minuri għandu jkompli jgħix mal-attriċi, u b'hekk ir-residenza u domiċilju tal-minuri għandu jkun ugwali għal dak tal-attriċi u ċjoe' l-iSvezja minħabba raġunijiet ta' xogħol, u fin-nuqqas ta' dan ġewwa Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi hija ukoll awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tara li l-attriċi ma għandhiex il-ħajra illi l-konvenut jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess. Il-Qorti tara li mill-atti jirriżulta li l-minuri ilu ma jara jew jikkomunika sew ma' missieru għal żmien twil. Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandu d-dritt li jgawdi kemm lil ommu u kif ukoll lil missieru, u m'għandhux jiġi mċaħħad minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. B'hekk, f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Magħdud mal-premess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet*

[56] Fol. 336.
[57] Fol. 338.
[58] Fol. 339.
[59] Fol. 414.

*tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[60]

Fil-każ odjern u tenut kont li fil-preżent il-minuri għandu sitt (6) snin, il-Qorti tinsab konvinta li fl-aħjar interess tal-minuri u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

i. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħdu, u jaraw hu x'jaħseb dwar missieru, il-possibilita' li jibni rapport miegħu u l-aspettattivi tiegħu;

ii. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri skont kif jidrilhom xieraq (ċjoe' aċċess li jista' jsir b'mod fiżiku ġewwa Malta u anke' virtwali meta l-minuri jkun l-iSvezja) u abbażi tal-iskeda ta' xogħol tal-attriċi peress li din taħdem ġewwa l-iSvezja iżda bil-possibilita' li tiġi Malta ta' spiss. Pero' meta l-attriċi u l-minuri jkunu jinsabu Malta, fi kwalunkwe każ l-aċċess *se mai* għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker* u fil-preżenza tal-omm.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikompli jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €220 kull xahar għal minuri, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason G Mifsud**,[61] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[62] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-*

[60] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[61] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[62] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.

*sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[63] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[64]*". ".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-prova, u barra minn hekk mill-atti lanqas ma jidher illi tresqet prova konkreta tad-dħul attwali tal-konvenut. Madanakollu, ma jidhirx li kien hemm problema li l-konvenut iħallas tali manteniment.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' tlett mitt Ewro (€300) kull xahar għal minuri nhar l-ewwel jum tax-xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E D sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

Fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tgħid ili *"with regards to maintenance of E, as evident in the police report exhibited, defendant has never paid any maintenance. As a matter of fact, the maintenance arrears for their child E amounts to €37,840.*[65] *(...) Plaintiff humbly request this Honourable Court for the defendant to pay al the maintenance arrears for their child E".*[66] Sabiex isostni l-argument tagħha, l-attriċi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Abdulslam Hamoud vs Victoire Muliet**.[67]

[63] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[64] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[65] From 2nd April, 2009 till 14th June 2022, there are 688 weeks. 688 weeks/4 + 172 x €220 = €37,840.
[66] Fol. 398.
[67] Deċiża minn din il-Qorti, kif prejeduta, nhar it-12 ta' Mejju 2022 (Rikors Numru 272/2014 AL), mhux appellata.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 3B subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili ż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li *inter alia* jieħdu ħsieb u jmantnu lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. Għalhekk tali obbligu jibqa' fis-seħħ nonostante jekk hemmx *in vigore o meno* digriet tal-Qorti għal ħlas ta' manteniment u nuqqas ta' digriet ma jfissirx illi l-ġenituri għandhom jonqosu milli jottemporaw rwieħhom mal-liġi. Stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tara jekk it-talba tal-attriċi kif magħmula fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hijiex waħda ġusta, stante li l-istess ma ġietx imresqa fir-rikors promotur.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[68] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi".* B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[69]

Il-Qorti f'dan ir-rigward tqis illi l-attriċi ppreżentat rapporti magħmula minnha mal-Pulizija kontra l-konvenut għan-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal minuri minn April 2019 sa Ottubru 2020, f'liema rapporti jidher li l-konvenut dejjem irrisponda li ma jistgħax iħallas manteniment għaliex jinsab ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Min-naħa l-oħra, il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet jgħid illi f'dawk it-tlett (3) snin li għamel il-ħabs huwa ma setgħax iħallas manteniment, u dan sakemm ħareġ f'Lulju 2021.

Għalhekk u wara li l-Qorti evalwat it-talba tal-attriċi, hija tissottolineja illi fil-verita' it-talba tagħha hija żbaljata stante li tirrisali lura għas-sena 2009, minnflok għas-sena

[68] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).
[69] *Ibid.*

2019. Għaldaqstant u tenut kont tal-affermazzjoni da parti l-konvenut, il-Qorti tara illi mid-data tad-digriet *pendente lite* ta' nhar it-2 ta' April 2019 sal-mument li l-konvenut ħareġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, kellu jkun hemm 28 pagament, li jammontaw għal sitt elef, mija u sittin Ewro (€6,160). Din hija iċ-ċifra li *se mai* l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni, u għalhekk tordna lil konvenut sabiex iħallas l-imsemmija arretrati ta' manteniment. Flimkien ma' tali somma il-Qorti mhux ser tillikwida *arbitro bon viri* l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, u dan għaliex l-attriċi ma resqitx talba f'dan ir-rigward u fi kwalunkwe każ għal tali perjodu l-attriċi ma resqet l-ebda prova rigward l-imemmija spejjeż.

**5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu bir-rit ċivili nhar it-3 ta' Ġunju 2016, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Rigward dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta' Miriam Azzopardi in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange,*[70] li tikkonferma li ebda kontijiet ma nfetħu fuq isem il-konvenut;

2. *Ix-xhieda ta' Gabriella Marmara in rappreżentanza tal-APS Bank*,[71] li tikkonferma li l-konvenut ma kellu u/jew għandu l-ebda kont mal-imsemmi bank;

3. *Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[72] li jikkonferma li l-konvenut ma kellu u/jew għandu l-ebda kont mal-imsemmi bank;

[70] Fol. 153.
[71] Fol. 154.
[72] Fol. 155.

4. *Ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[73] fejn ikkonfermat illi l-konvenut għandu żewġ kontijiet bankarji, u ċjoe': (i) kont bin-numru 009124439050 bħala *savings account*,[74] miftuħ nhar il-5 ta' Mejju 2016 u ngħalaq nhar l-14 ta' Awwissu 2020, u (ii) kont bin-numru 00912339050 bħala *savings account*,[75] li ilu attiv sa mill-4 ta' Frar 2017 u llum huwa magħluq;

5. *Ix-Xhieda ta' Marie Claire J in rappreżentanza ta' Melita plc*,[76] fejn ippreżentat dokument li jistabbilixxi illi l-konvenut għandu kont inattiv bin-numru 10570471 għal servizz ta' internet b'bilanċ pendenti ta' €306.23,[77] kuntratt tal-istess servizz,[78] u dokument ieħor li huwa *statement of payments* li saru fuq il-kont imsemmi.[79] Barra minn hekk, il-konvenut għandu kont ieħor attiv mibdi nhar it-28 ta' Lulju 2021 bin-numru 10758934 u dan għal servizz ta' *mobile number*, b'bilanċ ta' pendenti ta' €37.82,[80] fejn ippreżentat ukoll kuntratt għal tali servizz,[81] u *statement of payments* tal-istess;[82]

6. *Ix-xhieda ta' Charmaine Zammit in rappreżentanza ta' Epic Ltd*,[83] fejn ġie ppreżentat dokument li jistabbilixxi li l-konvenut għandu *postpaid account* għal servizz ta' *fixed internet* li kien attiv għal perjodu bejn il-31 ta' Lulju 2018 u l-21 ta' Awwissu 2019, b'bilanċ pendenti ta' €749.86, liema bilanċ ġie *written off* mill-*Credit Control* nhar is-27 ta' Jannar 2020, u fir-rigward tan-numru 99637786 ingħad illi dan huwa *an unregistered prepaid line*, liema linja ilha attiva sa mill-10 ta' Marzu 2021 u għada sal-preżent attiva;[84]

7. *Ix-xhieda ta' Lara Micallef in rappreżentanza ta' Epic Ltd*,[85] iddikjarat li fix-xhieda ta' qabel kien hemm żball u kkjarifikat illi l-ammont pendenti minn għand il-konvenut ma huwiex dak ta' €749.86 iżda €612.36,[86] u li ma ġiex *written off* iżda għadu dovut. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-kuntratt tas-servizz in kwistjoni,[87] u dokument li jistabbilixxi l-ammont dovut għal perjodu bejn Novembru 2018 sa Settembru 2019, inkluż il-penali inkorsi u *fee* għal *disconnection*;

---

[73] Fol. 59, 156.
[74] Fol. 61 - 139, u mmarkat bħala Dok. AG.
[75] Fol. 140 – 149, u mmarkat bħala Dok. AG1.
[76] Fol. 221, 241, 309.
[77] Fol. 235, 257.
[78] Fol. 259.
[79] Fol. 236.
[80] Fol. 256.
[81] Fol. 270.
[82] Fol. 269.
[83] Fol. 221, 244.
[84] Fol. 238.
[85] Fol. 314.
[86] Fol. 287.
[87] Fol. 289.

8. *Ix-xhieda ta' Simon Camilleri in rappreżentanza ta' Credit Info*,[88] jiddikjara illi l-ammonti pendenti ma' Epic Communications Ltd u Melita Ltd għadhom dovuti, u għal tali għand ippreżenta dokument li jikkonferma l-istess;[89]

9. *Ix-xhieda ta' Karin Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[90] li ppreżentat dokumenti li jistabbilixxu:

   a. Dawk il-vetturi li l-konvenut kellu fuq ismu passat u ċjoe':

      (i) Vettura tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX,[91] reġistrata fuq ismu għal perjodu bejn l-10 ta' Awwissu 2018 sal-21 ta' Diċembru 2018,[92] u,

      (ii) Mutur tat-tip Malaguti Centro bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX,[93] reġistrat fuq ismu għal perjodu bejn it-13 ta' Frar 2016 u t-23 ta' April 2018,[94] u,

   b. Dawk il-vetturi li l-konvenut għandu fuq ismu fil-preżent u ċjoe' mutur tat-tip Piaggio Typhoon bin-numru ta' reġistrazzoni XXX,[95] li ilha reġistrata fuq ismu sa mill-15 ta' Mejju 2018.[96] Fir-rigward ta' dan il-mutur jidher illi hemm xi penali minħabba numru ta' kontravenzjonijiet li għadhom mhux imħalsin, fejn sas-16 ta' April 2021 tali penali kienu jammontaw għas-somma ta' €858.84, filwaqt li liċenzja tal-konvenut skadiet nhar il-31 ta' Lulju 2019;

Barra minn hekk kemm fl-affidavit tagħha, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attriċi tgħid illi dak li jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti huma: (i) Kontijiet bankarji, (ii) Vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX reġistrata f'isem il-konvenut, liema vettura għandha numru ta' penali abbinati magħha, (iii) Dejn ma' Melita Ltd f-ammont ta' €306.23, (iv) Dejn ma' Epic Communications Ltd fl-ammont ta' €612.

Min-naħa l-oħra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jgħid illi jaqbel mal-attriċi li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti l-kont bankarju f'isem il-konvenut, kif ukoll il-vettura surreferita. Madanakollu fir-rigward tad-dejn ma' Melita Ltd, dan

[88] Fol. 311.
[89] Fol. 285.
[90] Fol. 163, 205.
[91] Fol. 167.
[92] Fol. 168.
[93] Fol. 167.
[94] Fol. 169.
[95] Fol. 165.
[96] Fol. 166.

ma jeżistix, u fir-rigward tad-dejn ma' Epic Communications Ltd tali ammont tela' minħabba li huwa għamel perjodu ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Huwa jisħaq illi *"the defendant does not object to such debts to be assigned to him however this is in no way an admission to the plaintiff's claim that she used to solely provide for the matrimonial life and the minor E"*.[97]

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara u tordna illi:

a. Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih. Madanakollu kwalsiasi kont bankarju intiżi għall-minuri, dawn għandhom jkunu jsejħu lill-attriċi, fejn tkun l-unika *signatory* b'dana illi kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu mill-attriċi;

b. Il-mutur tat-tip Piaggio Typhoon bin-numru ta' reġistrazzoni XXX, għandu jkun assenjat lill-konvenut u kull penali relatati mal-istess mutur għandhom jiġu assenjati u mħallsa mill-konvenut;

c. L-attriċi tagħmel referenza għal vettura oħra tat-tip Peugeot mixtrija mill-konvenut, madanakollu ma saret l-ebda prova ta' din il-vettura u għalhekk mhux ha tieħu konsiderazzjoni ta' tali allegazzjoni;

d. Kwalsiasi dejn magħmul fiż-żwieġ, inkluż dak ma' Melita Ltd u Epic Communications Ltd, għandhom jiu assenjati u mħallsa mill-konvenut;

e. Fir-rigward tal-flus u art li jinsabu ġewwa l-Libja u msemmija mill-attriċi, il-Qorti tara li ma tresqet l-ebda prova fir-rigward ta' dawn u għalhekk ma hemmx lok li tieħu l-istess in konsiderazzjoni.

*<u>Rigward l-Assi Parafernali u Dotali tal-Partijiet:</u>*

Il-Qorti tara li ma hemm l-ebda prova dwar oġġetti li huma parafernali u/jew dota u għalhekk mhux ser tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

**DEĊIDE:**

[97] Fol. 407.

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 109/2016 u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tielet talba u tistabbilixxi li d-data li fiha ż-zwieġ tkisser irrimedjabilment bi ħtija tal-konvenut hija l-1 ta' Ottubru 2017, filwaqt li tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tilqa' ir-raba', il-ħames u s-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-istess komunjoni skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*;

4. Tiċħad is-seba' talba;

5. Tiċħad it-tmien talba;

6. Tilqa' id-disa' u l-għaxar talba, u tordna li l-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandu jkompli jgħix mal-attriċi, u b'hekk ir-residenza u domiċilju tal-minuri għandu jkun ugwali għal dak tal-attriċi u ċjoe' l-iSvezja minħabba raġunijiet ta' xogħol, u fin-nuqqas ta' dan ġewwa Malta;

7. Tilqa' il-ħdax, it-tlettax u l-erbatax-il talba, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' tlett mitt Ewro (€300) kull xahar għal minuri nhar l-ewwel jum tax-xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E D sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-

minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri; tordna ukoll lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' sitt elef, mija u sittin Ewro (€6,160) f'arretrati ta' manteniment u dan skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri'*;

8. Tiċħad it-tnax-il talba;

9. Tilqa' il-ħmistax u s-sittax-il talba u tawtorizza lill-attriċi tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar; tordna ukoll illi fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi;

10. Ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna ukoll illi l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

    i. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħdu, u jaraw hu x'jaħseb dwar missieru, il-possibilita' li jibni rapport miegħu u l-aspettattivi tiegħu;

    ii. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri skont kif jidrilhom xieraq (ċjoe' aċċess li jista' jsir b'mod fiżiku ġewwa Malta u anke' virtwali meta l-minuri jkun l-iSvezja) u abbażi tal-iskeda ta' xogħol tal-attriċi peress li din taħdem ġewwa l-iSvezja iżda bil-possibilita' li tiġi Malta ta' spiss. Pero' meta l-attriċi u l-minuri jkunu jinsabu Malta, fi kwalunkwe każ l-aċċess se mai għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' social worker u fil-preżenza tal-omm.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.